StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

## IT-TIELET SENA IL-ĠEOGRAFIJA (Ġenerali) IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem: ______________________________________ Il-Klassi: _______________**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha u ikteb ċar.**
**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| Belt jew raħal | Settlement |
| Ċiklu tal-ilma | Water Cycle |
| Karatteristiċi | Features |
| Forma ta' raħal | Settlement pattern |
| Ħarsien | Conservation |
| Ilma ta' taħt l-art | Groundwater |
| Ilma tal-wiċċ | Surface water |
| Il-qalba kummerċjali tal-belt | The Central Business District |
| Pol tat-Tramuntana | North Pole |
| Punti koordinati | Grid References |
| Riżorsi mhux rinnovabbli | Non renewable resources |
| Watja | Lowland area |

**Taħriġ A**
Immarka l-kolonna t-tajba.

| Karatteristiċi | Fiżiċi | Umani | Ambjentali |
|---|---|---|---|
| Migrazzjoni | | | |
| Nixfa | | | |
| Atmosfera | | | |
| Belt jew raħal | | | |
| Riżorsi mhux rinnovabbli | | | |
| Ħarsien | | | |
| Popolazzjoni | | | |
| Ħabitat | | | |
| Terrimoti | | | |
| Ċentri urbani | | | |

**10 marki**

**Taħriġ B**
Ikteb **VERU** jew **FALZ** fl-aħħar ta' kull sentenza.

1. Il-latitudni huma linji orizzontali mpinġija fuq il-mapep. ………………
2. Iċ-Ċirku Artiku huwa l-akbar linja tal-latitudni. ………………

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Hemm disgħin linja ta' latitudni mill-Ekwatur sal-Pol tat-Tramuntana. ………………
4. It-Tropiku ta' Kaprikornu jinsab 23½° lejn it-Tramuntana. ………………
5. Il-Pol tat-Tramuntana qiegħed 90° lejn it-Tramuntana. ………………
6. Il-Meridjan ta' Greenwich huwa magħruf ukoll bħala l-Meridjan Ewlieni. ………………
7. Il-lonġitudni huma mmarkati bħala linji vertikali fuq il-mapep. ………………
8. Il-lonġitudni huma linji paralleli ma' xulxin li ma jiltaqgħux. ………………
9. Eżatt fl-oppost tal-lonġitudi 0° hemm il-lonġitudni 180°. ………………
10. Hemm 360 linja ta' lonġitudni maqsumin f'linji ta' 180° lejn il-lvant u 180° lejn il-punent tal-Meridjan ta' Greenwich. ………………

**10 marki**

**Taħriġ C**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi bl-ismijiet tal-ħames saffi tal-ġebel li nsibu f'Malta.

***Il-Qawwi ta' Fuq; Il-Ġebla s-Safra; It-Tafal; Il-Franka; Iż-Żonqor***

1. __________________ huwa l-uniku ġebel impermeabbli li nsibu f'Malta.
2. __________________ huwa l-aktar blat iebes f'Malta.
3. __________________ jitfarrak faċilment u jifforma r-ramel dehbi li jinsab f'uħud mill-bajjiet Maltin.
4. __________________ huwa l-blat li fforma l-aħħar f'Malta għax jinsab fil-wiċċ f'dawk l-inħawi fejn hemm il-ħames saffi ta' blat.
5. __________________ huwa l-ġebel li jintuża għall-bini f'Malta. **10 marki**

**Taħriġ D**

L-istampa turi art watja li hija mfawra bl-ilma.

Kompli s-sentenzi biex turi r-raġunijiet li jwasslu għall-għargħar.



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1. In-nies jaqtgħu s-siġar mill-ġnub tal-muntanji għall-ħatab u għalhekk l-ilma jiġri

   …………………………………………………………………………………………………

2. L-art tegħreq malajr għaliex hija………………………………………………………………

   …………………………………………………………………………………………………

3. Xita qawwija ġġiegħel l-ilma tax-xmajjar ………………………………………………….

   …………………………………………………………………………………………………

4. Meta xmara jkollha ħafna ilma, hija ……………………………………………..……………

   …………………………………………………………………………………………………

**8 marki**

**Taħriġ E**

Uża dan il-kliem biex tpinġi disinn sempliċi taċ-Ċiklu tal-ilma:

***Evaporazzjoni; Kondensazzjoni; Sħab; Preċipitazzjoni; Ilma tal-wiċċ; Ilma ta' taħt l-art***

**10 marki**

**Taħriġ F**

Bliet u rħula jistgħu jkunu b'forma **mferrxa**, **imgeddsin f'xulxin** jew **lineari**.

i. Ikteb il-forma t-tajba li taqbel ma' dawn id-deskrizzjonijiet:

1. L-irziezet u l-bini huma mxerrdin. ________________
2. Il-bini ġie mibni fuq linja matul triq prinċipali. ________________
3. Il-bini tar-raħal huwa miġbur flimkien. ________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ii. Fuq l-istampa hawn taħt ikteb in-numri **1, 2** u **3** biex turi t-tliet tipi differenti ta' żvilupp bliet u rħula.

***1. Imgeddsin f'xulxin   2. Mod lineari   3. Mferrxa***



**12-il marka**

**Taħriġ G**

Agħti aktar tagħrif dwar l-aspetti tal-qalba kummerċjali tal-belt imsemmijin fl-ewwel kolonna. Ara l-eżempju.

| ASPETTI | TAGĦRIF |
|---|---|
| L-aċċess lejn il-qalba kummerċjali | It-toroq prinċipali tal-belt iwasslu lejn il-qalba kummerċjali u b'hekk hemm aċċess tajjeb lejn din il-parti ċentrali tal-belt. |
| Il-prezz tal-art fil-qalba kummerċjali tal-belt | |
| It-traffiku | |
| L-ispazju | |
| Il-bini ġdid | |
| Is-servizzi provduti | |

**10 marki**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taħriġ H**

Hawn taħt hemm tmien simboli tal-mapep.

L-ismijiet ta' sitta minhom huma miktubin fit-tabella.

Ħdejn dawn l-ismijiet agħti l-punti koordinati b'erba' numri, hekk kif jidher fl-eżempju.




| Is-Simboli tal-Mapep | Il-Punti Koordinati b'erba' numri |
|---|---|
| 1. Bini | 4426 |
| 2. Knisja | |
| 3. Ħostel għaż-żgħażagħ | |
| 4. Ċentru tal-Informazzjoni | |
| 5. Post fejn hemm veduta | |
| 6. Barriera | |

**10 marki**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taħriġ I**
Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Asja u wara aħdem it-taħriġ li hemm taħt.




Fit-tabella t'hawn taħt ikteb l-ismijiet tal-pajjiżi skont in-numru tal-mappa.

*Agħżel minn din il-lista – L-Indja, Ir-Russja, Iċ-Ċina, In-Nepal, Il-Bangladesh*

| In-Numri fuq il-Mappa tal-Asja | Il-Pajjiżi |
|---|---|
| 1 | |
| 2 | |
| 3 | |
| 4 | |
| 5 | |

**10 marki**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taħriġ J**

Fil-kolonna tan-nofs ikteb in-numru tat-**tip ta' prodott** li jaqbel mal-aħjar **mezz ta' trasport** jista' jinġarr.

| **Il-Mezz tat-trasport** | **Imla n-numru t-tajjeb** | **It-Tip ta' prodott** |
|---|---|---|
| Ferroviji tal-merkanzija | | 1. Prodotti prezzjużi |
| Tankijiet taż-żejt | | 2. Merkanzija goffa |
| Ajruplani | | 3. Żejt |
| Trakkijiet | | 4. Kontejners |
| Vapuri tal-merkanzija | | 5. Kaxxi tal-merkanzija |

**10 marki**

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers